MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 41/2008

**Carmelo Muscat (ID 316932M)**

**vs**

**Gaetano Falzon f'ismu proprju u ezercjenti l-kummerc taht l-isem Chez Gaetan**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur:

Illi l-esponenti huwa sid il-fond 149, Triq Sant'Antnin, Bugibba;

Illi dan il-fond jinsab mikri lill-intimat versu l-kera annwali ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), liema kera tithallas darba kull tlett xhur;

Illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat mill-esponenti permezz ta' zewg ittri ufficjali li jgibu l-istess

data tat-23 ta’ Novembru 2007, hu baqa’ ma hallasx il-kera dovuta u dana ghal aktar minn zewg skadenzi;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li dan il-Bird joghgbu:

1. Jawtorizza r-ripresa tal-fond 149, Triq Sant’Antnin, Bugibba min ghand l-intimat, u
2. Jipprefiggi lill-parti intimata li tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjes;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi minkejja li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur huwa naqas milli jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti. Ghalhekk il-Bord ser jghaddi biex jezamina l-provi mressqa mir-rikorrenti;

Illi skond kopja ta’ zewg ittri ufficjali bid-dati tat-3 ta’ Mejju 2007 u 23 ta’ Novembru 2007, l-intimat kien debitament ingunt sabiex ihallas l-kera dovuta ghall-iskadenza ta’ l-ewwel erba xhur tas-sena 2006 kif ukoll tal-iskadenza ta’ Jannar sa Marzu 2007. Illi Carmelo Muscat ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-intimat baqa’ moruz fil-hlas tal-kera minkejja l-interpellanzi li sarulu;

Illi ghalhekk r-rikorrent ressaq il-prova mehtiega skond ir-rekwiziti kif ravvizati fl-arikolu 9(a) (i) tal-Kap 69 u dan il-Bord ghalhekk qed jilqa’ t-talba tieghu u qed jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 149, Triq Sant’Antnin, Bugibba minghand l-intimat fi zmien tletin (30) jum mil-lum u jordna lill-intimat jillibera l-fond u jhallih vakanti ghar-ripresa tieghu mir-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------